Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMPILAZZJONI NRU. 290/2019: **IL-PULIZIJA** (SPETTUR ELLIOTT MAGRO) **V. JASON CALLEJA** (KI. NRU. 401174M) **U EMANUEL CALLEJA** (KI. NRU. 889045M)

(NUQQAS TA' PERSUNA AWTORIZZATA TAHT ID-DISPOZIZZJONIJIET TAL-KAP. 437 TAL-LIGIJIET TA' MALTA MILLI TOSSERVA L-OBBLIGAZZJONIJIET IMPOSTI FUQHA LI GHANDHOM X'JAQSMU MA' MARD LI JITTIEHED U ĊIOE F'DAK LI GĦANDU X'JAQSAM L-IDENTIFIKAZZJONI U REGISTRAZZJONI TA' ANNIMALI U D-DIKJARAZZJONI TA' CAQLIEQ TA' ANNIMALI LI JKUNU TAHT IR-RESPONSABILITA' TAGHHA – KAP. 437, ART. 35 (1)(C)(III) – NUQQAS LI PERSUNA TIEHU DAWK IL-PASSI RAGONEVOLI SABIEX JIGU SALVAGWARDJATI L-HTIGIJIET TAS-SAHHA U L-BENESSERI TA' ANNIMAL LI TKUN RESPONSABBLI GHALIH – KAP. 439, ART 8 (4) – L-ATT LI BIH WIEHED IGIEGHEL ANNIMAL ISOFRI UGIEGH, TBATIJA JEW DWEJJAQ MINGHAJR BZONN – KAP. 439, ART. 8(2) – KSUR TAR-REGOLAMENTI DWAR IL-PROTEZZJONI TA' L-ANNIMALI MIZMUMA GHAL RAGUNIJIET TAL-AGRIKOLTURA – L.S. 439.09 – KSUR TAR-REGOLAMENTI DWAR IL-HARSIEN TA' L-GHOGGIELA – L.S. 439.01 – IL-PRINCIPJU TA' NE BIS IN IDEM )

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**21 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Jason Calleja ta'44 sena, detentur tal-karta ta' l-identità 0401174M imwieled ġewwa Pieta' nhar it-28 t'Awwissu, 1974, iben Emanuel u Mary xebba Borg u residenti fil-fond 'Casa Casolani', Triq Sant' Andrija, Msida, kif ukoll kontra Emanuel Calleja ta' 74 sena, detentur tal-karta ta' l-identità 00889045M imwieled ġewwa Birkirkara nhar it-22 t'Ottubru 1944, iben Carmel u Ġiuseppa xebba Bigeni u residenti fil-fond "Casa Casolani', Triq Sant' Andrija, Msida ("l-imputati" jew "id-Difiża"),

wara li rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha ingħata l-kunsens sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1],

wara li rat li ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, meta fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2019 l-imputat ġie mistoqsi jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tatu żmien biżżejjed biex iwieġeb dan wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni f'dan ir-rigward u għalhekk wara li ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kap. 9 il-Qorti għaddiet sabiex tisma' l-kawża bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

wara li semgħet ix-xhieda u fliet it-*transcripts* tat-testimonjanza tagħhom,

wara u rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Elliott Magro
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Joe Brincat,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputati bis-segwenti imputazzjonijiet:

   1. talli nhar il-15 ta' Marzu 2019, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa Triq Sant' Andrija, Msida, fir-razzett bin-numru tar-reġistrazzjoni D043, b' diversi atti magħmula minnhom fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda, bħala sidien, detenturi, negozjanti jew impurtaturi, destinatarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taht id-dispożizzjonijiet tal-Att 437 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attività veterinarja privata, m' osservawx kull obbligazzjoni imposta fuqhom taht l-Att 437 li għanda x' taqsam ma mard li jittieħed, bħala persuni li kellhom jidentifikaw u jirreġistraw annimali u jiddikjaraw ċaqlieq ta' annimali li kienu taht ir-responsabiltà' taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)( c)(iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol 8

2. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma ħadux dawk il-passi ragonevoli f' kull cirkostanza sabiex jizguraw li l-htigijiet ta' annimali li kienu responsabbli ghalihom, jew li qablu li jiehdu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg b' prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, gieghlu annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jzommu record ta' kull kura medika moghtija, liema records ghandhom jinzammu ghall-perijodu ta' mill-anqas tlett snin u ghandhom ikunu disponibbli ghas-Servizz Veterinarju meta jwettaq spezzjoni jew meta b' xi mod ikun mitlub u dan bi ksur tal-punt 5 u 6 tal-Skeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu lill-annimali protezzjoni minn kondizzjonijiet hziena tat-temp, predaturi u riskji ghal sahhithom u dan bi ksur tal-punt 12 tal-Skeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu dieta sustanzjuza li tkun xierqa ghall-eta' u l-ispeci tal-annimali u li tinghatalhom fi kwantita' bizzejjed biex izzommhom f' sahhithom u jissodisfaw il-bzonnijiet nutrittivi taghhom u dan bi ksur tal-punt 14 tal-Skeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta';

7. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma kienx hemm dawl adegwat disponibbli (fiss jew li jingarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew f' kull hin u dan bi ksur tal-punt 3 tal-Skeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-annimali ma kellhomx access ghall-ikel f' intervalli xierqa ghall bzonnijiet fizjologici taghhom u dan bi ksur tal-punt 15 tal-Skeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-annimali ma kellhomx access ghall-provvista xierqa ta' ilma jew li tkun kapaci tissodisfa l-bzonnijiet ta' xorb taghhom permess ta' mezzi ohra u dan bi ksur tal-punt 16 tal-Skeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-materjali wzati ghall-bini ta' akkomodazzjoni tal-ghoggiela u partikolarment ta' kaxxi u taghmir li mieghu l-ghoggiela jista' jkollhom kuntatt kienu tali li jikkawzaw hsara ghall-ghoggiela jew li ma' jitnaddfux jew jkunu disinfettati sew u dan bi ksur tal-punt 1 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-insulazzjoni, is-shana u l-ventilazzjoni tal-bini ma kienitx tizgura li cirkolazzjoni ta' l-arja, il-livell tat-trab it-temperatura, l-umdita' relattiva ta' l-arja l-koncentrazzjoni tal-gass jinzammu fil-livelli li ma jaghmlux hsara lill ghoggiela u dan bi ksur tal-punt 3 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-ghoggiela ma gewx spezzjonati mis-sid ta' l-anqas darbtejn kuljum u kull ghogol marid jew imwegga ma giex ikkurat u dan bi ksur tal-punt 6 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi il-fond, il-maqjel u t-tghamir ma tnaddafx tajjeb u ma giex dizinfettat u dan bi ksur tal-punt 9 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-art ma kienitx lixxa u ma tizloqx sabiex jevitaw li l-ghoggiela jweggaw u dan bi ksur tal-punt 10 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l- ghoggiela ma kienux pprovduti dieta xierqa u addatta ghall eta' toqol, imgieba u bzonnijiet fizjologici taghhom u dan bi ksur tal-punt 11 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

16. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-ghoggiela ma gewx mitmugha darbtejn kuljum u dan bi ksur tal-punt 12 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

17. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-ghoggiela akbar minn gimghatejn ma kellhomx access ghall-kwantita' bizzejjed t' ilma frisk <u>u dan bi ksur tal-punt 13 tal-Skeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Din il-kawża rat il-bidu tagħha u dawn il-proċeduri ġew inizjati wara kwerela datata 29 ta' Marzu 2019 mibgħuta minn Dr Roberto Balbo, fil-kapaċità tieghu ta' Direttur fid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja wara spezzjoni li saret fir-razzett bl-indirizz 5, San Andrija Street, Msida, bin-numru ta' reġistrazzjoni D043 minn uffiċjali tad-Diviżjoni għar-Regolarazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti fi ħdan id-Direttorat għar-Reġistrazzjoni Veterinarja. L-ispezzjoni saret fil-15 ta' Marzu 2019.

4. Preżenti għal din l-ispezzjoni, apparti l-imputati nfushom, kien hemm Dr. Vanessa Messina (Veterinary Officer), Dr. Fabrizio Rosso (Senior Veterinary Officer), Dr. Daniel Cauchi (Senior Veterinary Support Officer), Raymond Abela (Senior Veterinary Support Officer) u Christian Lia (Veterinary Support Officer). Lil dawn il-persuni irriżultalom diversi nuqqasijiet taħt l-Att Dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura (Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09) u r-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Għoġġiela (Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01). Kien għalhekk illi eventwalment il-Pulizija pproċediet kontra l-imputati li ġew akkużati b'diversi imputazzjonijiet taħt il-liġijiet imsemmija.

5. L-imputazzjonijiet jistgħu jinġabru fis-segwenti kategoriji:

1. Dawk li għandhom x'jaqsmu ma' <u>**nuqqasijiet amministrattivi**</u> u ċioe n-nuqqas tal-identifikazzjoni, reġistrazzjoni u dikjarazzjoni taċ-ċaqlieq tal-annimali (l-ewwel imputazzjoni) u n-nuqqas ta' żamma tar-*records* ta' kull kura medika mogħtija u tal-għadd ta' annimali mejtin misjuba f'kull spezzjoni (ir-raba' imputazzjoni),

2. Dawk li għandhom x'jaqsmu mal-istat tar-razzett u man-**nuqqas ta' salvagwardji tal-*benessere*** tal-annimali miżmuma fir-razzett (il-bqija tal-imputazzjonijiet).

**L-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* fil-konfront tal-imputat Emanuel Calleja**

6. Qabel xejn, fl-istadju tat-tressiq tal-provi tiegħu, sewwasew fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019, Dr. Joe Brincat għall-imputati esebixxa kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur Lara Butters) v. Emanuel Calleja**" (QTA, App. Nru. 190/2018 CSH, 23/10/2018) u sussegwentement ressaq l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li jikkonċernaw in-nuqqas ta' salvagwardji tal-*benessere* tal-annimali miżmuma fir-razzett (i.e. imputazzjonijiet numru 2 u numru 5-17) fil-konfront tal-imputat Emanuel Calleja.

7. Fil-kawża msemmija, l-imputat Emanuel Calleja kien ġie mressaq b' numru ta' imputazzjonijiet taħt il-Kap. 439 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09 dwar il-moħqrija tal-annimali u l-mod ta' kif żamm ir-razzett relattiv għall-perijodu tat-22 ta' Jannar 2016 u s-snin ta' qabel. Kif semma tajjeb Dr. Joe Brincat, il-Qorti tal-Appell annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti minħabba żball fl-indikazzjoni tal-artikoli tal-liġi u ordnat r-rinviju tal-atti lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi ttrattata u deċiża mill-ġdid skond il-liġi.

8. Kif ġieli ġie ritenut mill-Qrati tagħna, meta tingħata l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* l-ewwel ħaġa li għandha ssir hi li tiġi infilzata fil-proċess kopja legali tas-sentenza li fuqha tkun qed tiġi bbażata dik l-eċċezzjoni[2]. F'din il-kawża ġiet ippreżentata kopja (għalkemm mhux kopja legali) tas-sentenza in kwistjoni. Li ma' ġiex ippreżentat però huwa xi tip ta' prova illi s-sentenza sussegwentement għaddiet in ġudikat. Dan in-nuqqas waħdu huwa fatali sabiex tiġi sostnuta din l-eċċezzjoni.

9. Inoltre però l-Qorti ma' tistax ma' tinnotax ukoll illi fil-kawża li qed tiġi ttrattata quddiem din l-Qorti l-imputazzjonijiet jirreferu għall-perijodu ta' nhar il-15 ta' Marzu 2019 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel mentri l-kawża l-oħra (li kif ingħad mhuwiex magħruf jekk din saritx *res judicata*) tittratta avvenimenti li allegatament seħħew fil-22 ta' Jannar 2016 u s-snin ta' qabel. Għalhekk huwa manifestament ċar li anke kieku stess s-sentenza msemmija għaddiet in ġudikat, xorta waħda jirriżulta illi l-"fatti" taż-żewġ kawżi huma differenti.

---

[2] Ara **Il-Pulizija (Spt. Joseph Grech) v. Eugenio Said** (QTA, 28/05/1993)

10. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**Provi dwar l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet**

11. Kif ġa ngħad l-ewwel u r-raba imputazzjonijiet jirreferu għan-nuqqas tal-identifikazzjoni, reġistrazzjoni u dikjarazzjoni taċ-ċaqlieq tal-annimali (l-ewwel imputazzjoni – Kap. 437, Artikolu 35(1)( c)(iii)) u n-nuqqas ta' żamma tar-*records* ta' kull kura medika mogħtija u tal-għadd ta' annimali mejtin misjuba f'kull spezzjoni (ir-raba' imputazzjoni - punt 5 u 6 tal-Skeda tal-LS 439.09).

12. Mix-xhieda prodotti fil-kors ta' dawn il-proċeduri irriżulta illi kollox beda meta wara li fit-28 ta' Diċembru 2018 ġew ordnati mill-imputat Jason Calleja r-*"re-tags"* tal-baqar, jew kif inhuma magħrufa b'mod komuni "iċ-ċomb", li jkunu mwaħħlin ma' widnejn il-baqra u li permezz tagħhom jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod formali dawn il-baqar.[3] Huwa pjuttost komuni li xi darba jew oħra dawn iċ-ċomb jaqgħu minn widnejn il-baqra (għalkemm mhux komuni li jinqalgħu t-tnejn li huma, i.e. miż-żewġ widnejn tal-baqra) u għalhekk meta jiġri hekk ir-raħħal ikun obbligat illi jagħmel ordni taċ-ċomba in kwistjoni mingħand id-Dipartiment konċernat.

13. Fit-28 ta' Diċembru 2018 l-imputat Jason Calleja għamel ordni għaċ-ċomb ta' kull widna tal-baqar reġistrati bin-numri 919285, 899545, 871604, 871582, 863974, 826174, 826071 u 804813. B'hekk saret ordni għal total ta' 16-il ċomba. M'huwiex kuntestat mid-Dipartimenti/Direttorati konċernati illi dawn iċ-ċombi ma' jiġux fil-pront (għalkemm mhux il-każ, kif qalu l-imputati, li dawn idumu s-snin) u filfatt f'dan il-każ dawn saru disponibbli fl-14 ta' Frar 2019[4]. Peress illi kien wasal iż-żmien għall-ispezzjoni tar-razzett mid- Dipartimenti/Direttorati konċernati, il-persuni inkarigati ħasbu sabiex jolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda billi jieħdu ċ-ċomb ordnat magħhom sabiex jitwaħħlu fuq il-baqar in kwistjoni u kif ikunu hemm jagħmlu l-ispezzjoni u jieħdu t-testijiet neċessarji.

14. L-ispezzjoni filfatt saret fil-15 ta' Marzu 2019 u preżenti għad-Dipartimenti/Direttorati konċernati kien hemm, apparti l-imputati nfushom, Dr. Vanessa Messina (Veterinary Officer), Dr. Fabrizio Rosso (Senior Veterinary Officer), Dr. Daniel Cauchi (Senior Veterinary Support Officer), Raymond Abela (Senior

[3] Fol 26 u xhieda ta' Raymond Abela mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2019
[4] Fol 27

Veterinary Support Officer) u Christian Lia (Veterinary Support Officer). Erbatax (14) mis-sittax-il ċomba twaħħlu matul din l-ispezzjoni.

15. **Dr Vanessa Messina**, *Veterinary Officer* fi ħdan *l-Animal Welfare Unit* u *l-Veterinary and Psytosanitary Regulation Division,* xehdet fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2019[5] illi kif jirriżulta ukoll mir-rapport tagħha (ppreżentat minnha u mmarkat bħala Dok VM1[6]) membri mid-Dipartimenti/Direttorati konċernati t kienu diġà attendew għal spezzjoni fir-razzett f'Marzu tas-sena 2017. Minn dakinhar sad-data tal-ispezzjoni ta' Marzu 2019, in-numru ta' annimali naqsu minn xi mitt annimal għal sitta u għoxrin (26) annimal. Xehdet ukoll illi fir-rigward ta' *medical records* li suppost jiġu miżmuma mill-imputati dawn ma' kellhomx il-*"Herd book"* fil-pussess tagħhom:

*"They did not have the herd book. In the herd book there is a part which is indicated all the medicines administered in the farm. I asked Mr Calleja if there were medicines present in the farm he told me no. I asked him to show me the records he told me no I don't have and these were missing also from the previous inspection so which means that in the meantime he didn't arrange it in this point, that is important because its also a collection of all animals identification present in the farm."*[7]

16. Fl-istess seduta xehed is-*Senior Veterinary Support Officer* **Dr. Daniel Cauchi** [8] li spjega li x-xogħol tas-sezzjoni fejn jaħdem hu huwa li jieħdu ħsieb l-identifikazzjoni, r-reġistrazzjoni u l-ittestjar tal-baqar, nagħaġ u mogħoż ta' Malta kollha regolarment. Huwa kien preżenti fl-ispezzjoni tal-15 ta' Marzu 2019 u r-rwol tiegħu kien li jieħu s-samples mill-baqar kollha u jinġetta t-tuberculin bħala parti mill-proċedura tat-test tal -marda tat-tubercolosis. Kien ukoll responsabbli biex jieħu ħsieb l-identifikazzjoni tal-baqar. Huwa xehed illi qabel l-ispezzjoni

*"kien hemm tmien (8) bhejjem li ma kellhomx tags fuq kull widna, dawn kienu ordnati u sa meta wasal iz-zmien biex imorru kienu waslu u hadnihom maghna biex nerghu nwahluhom.."*[9]

Ġara illi waqt l-ispezzjoni filwaqt li rnexxielhom jidentifikaw (permezz tad-dentatura tal-baqra) seba' mit-tmien baqar li kellhom jerġgħu jitwaħħlulom iċ-ċomb, huma ma'

---

[5]Fol.17A – 17F
[6] Fol 18
[7]Fol. 17E
[8]Fol. 25A - 25F
[9]Fol. 25A-25B

setgħux isibu l-baqra bin-numru ta' reġistrazzjoni 826071 filwaqt li sabu baqra oħra ta' ċirka tmintax-il xahar li ma' kienetx identifikata. Fuq l-baqra mhux identifikata qal hekk:

*" Mit-tmienja (8) li kellna l-izghar wahda li kienet fuq il-lista kienet ta' tlett (3) snin u disa' (9) xhur u din l-erha minn sniena xi sena u nofs bejn wiehed u iehor u allura ma stajniex nghidu li din kienet hi allura hekk giet erha li ma ghandniex spjegazzjoni minn fejn giet u baqra li kienet fuq il-lista li ma sibniehiex fir-razzett, jigifieri wahda nieqsa u ohra zejda."*[10]

17. Spjega ukoll li l-*herd book*, li huwa reġistru li skond il-liġi jrid jinżamm mir-raħħala ma kienx instab meta saret l-ispezzjoni.[11]

*"Li rrid nghid ukoll li s-soltu parti mir-regolamenti u responsabilitajiet tar-rahhala huwa li jzommu registru fil-farm taghhom up to date u dan ikollu l-bhejjem kollha li jittwieldu u l-bhejjem kollha li jmutu u dawk li jidhlu u johorgu mir-razzett li jkunu marru ghal fuq razzett iehor jew gew minn fuq razzett iehor u dan il-herd book waqt l-ispection meta morna ma kienx available. Ergajna morna ghax il-procedura tas-soltu li mmorru wara tliet ijiem naraw ir-reaction tat-tubercolosis biex naraw jekk kienux posittivi jew le ghat-tubercolosis u rega ma kienx prezenti u speci kieku kellna dak ukoll nistghu forsi nkunu iktar nafu x' kienet is-sitwazzjoni imma ma kienx prezenti u ma kienx mizmum up to date, jigfieri ma kellniex bizzejjed evidenza biex nghid din il-baqra minn fejn giet u l-ohra fejn marret"*[12]

Ix-xhud spjega kif sar ir-*reconcilation* tal-baqar preżenti fir-razzett safejn dan kien possibbli:

"*Kull meta naghmlu inspection ahna jkollna l-lista li hemm fid-database ta' dik il-gurnata. Issa meta mmorru normalment insibu xi wiehed jew tnejn li ma jaqbilx jew ikun miet u ma nqatghax jew ikun gie transferred u ghadu ma giex updated imma ahna nivverifikaw naghmlu censiment, naraw il-bhejjem kollha li hemm fir-razzett, jigifieri once li nidhlu lura mill-inspection 'napdejtjawha', nibghatu l-kampjuni kollha l-laboratorju bil-lista tal-annimali u once li nircievu r-rizultati mill-laboratorju*

[10]Fol. 25B
[11]Fol. 25B
[12]Fol. 25B-25C

*hemmhekk bilfors ahna rridu nibghatuhom ghax il-laboratorju ma jkunux jafu ta' min huma s-samples, nibghatulhom il-lista tal-annimali bir-rizultat taghhom."*[13]

*"L-Ispettur Elliot Magro: U inti semmejt illi jkun hemm spezzjonijiet fejn normalment wiehed isib wiehed jew tnejn differenza, f' dan il-kaz partikolari kemm sibt?*

*Dr Daniel Cauchi: sibna sitta (6) li kienu ma sibnihomx fuq ir-razzett imma s-Sinjur Jason Calleja wrieni l-karti mir-rendering plant, jigifieri dawk sibna a consistency imma rrangajnieha dak il-hin u 'updejtajna' kif wasalna lura l-ufficju, imbghad li kien hemm dik l-erha li ma qablitx bhala eta' li suppost kellna comba u konna ser nwahhluhihla u l-baqra ta' min kienet ic-comba li giet nieqsa igifieri tnejn zewg bhejjem."*[14]

18. Fuq l-identifikazzjoni tal-bhejjem permezz taċ-ċomb ix-xhud ikkonferma li r-*re-tags* ordnati mir-raħħala ġieli jdumu xi ftit xhur sakemm jiġu kkonsenjati iżda:

*"... imbghad ir-responsabilita' hija tar-rahhal li jekk inti accident dik il-baqra waqghula tnejn inti meta waqghetilha wahda u ordnajtha r-responsabilta' taghhom hija li jizguraw li jibqaghu kapaci jidentifikawha, jigfieri jekk hi sakemm waslet l-ohra waqghet l-ohra, waqghet li kienet ghadha hemm, hemm hafna mezzi differenti minn iwahhlilhom comba b' numru taghhom, min jghamilhom kullar, min marka, min ohra jigifieri r-responsabilita' hi taghhom li jkunu kapaci jdentifikawhom."*[15] Fost dokumenti ohra x-xhud esebixxa l-order form għar-*re-tags* datata 28.12.2018[16], dokument li juri meta erbatax mis-sittax il-ċomba ġew imwaħħla ma' widnejn il-baqar (i.e. fl-ispezzjoni tal-15 ta' Marzu 2019 (Dok. DC1[17]) u rapport tal-ispezzjoni in kwistjoni (Dok DC2[18]

19. Is-*Senior Veterinary Officer* **Dr. Fabrizio Rossi** xehed fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2019 illi xogholu huwa *"to direct the work of the unit which means following all the program for related to animal health in all species as well as the identification and registration of animals in the farm."* Fir-rigward tal-ispezzjoni tal-15 ta' Marzu 2019 huwa jghid hekk:

---

[13] Fol. 25D
[14] Fol. 25D
[15] Fol. 25E
[16] Fol. 26
[17] Fol. 26-27
[18] Fol 28

*"we decided to have multitask members in this inspection because we are aware from previous inspections on possible animal welfare problems in the farm so in order to have that specific expertise with us we made this joint inspection.*"

Dan ix-xhud qali li l-inspection saret peress li l-health status tar-razzett kien ghalaq (expired) u li meta iaghlaq iridu jaghmlu t-testijiet u ukoll jaghmlu assessment tal-identifikazzjoni u registrazzjoni tal-annimali fir-razzett kif ukoll jaraw jekk hemmx xi affarijiet li jridu jigu indirizzati. Waqt l-ispezzjoni għamlu ezercizzju biex jidentifikaw l-annimali u wara dan l-eserċizzju għamlu l-assessjar u dan skond il-regolamenti in vigore. Dan ix-xhud spjega ukoll li jekk ma' jkunx possibli li annimal jigi identifikat dan ghandu jinqatel fi zmien 48 il-siegha.

Dr. Rossi xehed ukoll li f' Dicembru 2018 l-imputat Jason Calleja talab *re-tags* ghal 8 annimali li kienu tilfu z-zewgt *re-tags*, ossia, ċ-ċomba imwaħħla ma' kull widna. Minnha nnifisha din l-ordni kienet indikattiva ta' ksur ta' liġi għaliex normalment l-annimal jitlef *re-tag* wahda - u l-persuna responsabbli tordna replacement mal-ewwel – u mhux it-tnejn f'salt. Ix-xhud xehed f'certu dettal dwar l-process ta' kif gew identifikati l-annimali. Dan sar wara li gew ezaminati s-snien tal-annimal u saret cross reference ghall-lista li kellhom ta' annimali li skont ir-records tad-direttorat suppost kienu prezenti fir-razzett. Dan il-process sar flimkien max-xhud l-iehor Dr Daniel Cauchi li ukoll xehed f' dawn il-proceduri. Kien hemm ghogol wiehed li ma giex identifikat. F'dan ir-rigward qal hekk:

*"For one animal it was not possible and I was looking with other colleagues because in order to be sure because it is a visual assessment that you do the dentition of the animals so we were two vets assessing the age of the animal which was estimated to be eighteen months, and the younger animal in the list for which for the retagging was requested was three years and 18 months so it was, the conclusion, a big difference ... so the conclusion was that the animal that was untagged of eighteen months was that the origin of that animal was not really clear and the animal of three years and eighteen months was missing in the farm."*

Finalment ix-xhud spjega ukoll illi l-imputati ma kellhomx il-*herd book* (ir-registru tal-annimali) fir-razzett u dan minkejja li huwa wiehed mill-obbligi tal-imputati skont il-ligi. Wara li l-annimali gew identifikati, ghajr ghal wiehed, ittiehdu l-kampjuni minn dawk l-annimali li gew identifikati. Kien hemm 25 il-annimal prezenti fir-razzett li wiehed minnhom ma kienx possibli li jigi identifikat minn fejn origa. Il-kampjuni għall-marda tat-tuberculosi ttiehdu u rriżultaw fin-negattiv.

20. Is-*Senior Veterinary Support Officer* **Raymond Abela** xehed fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2019 illi għalkemm xogħlu dakinhar tal-ispezzjoni kien li jieħu *samples* tad-demm mill-baqar, madanakollu huwa xogħlu kien ukoll li jobdi l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mis-superjuri tiegħu u filfatt dakinhar huwa kien tqabbad ukoll sabiex iwaħħal iċ-ċomb il-ġdid mal-baqar wara l-identifikazzjoni tagħhom.

21. L-imputat **Jason Calleja** xehed fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2019 illi

*"jien dik ic-comba kienet ilha ghandi xi sena, ghandi comba, u kull meta, l-ewwel darba li ordnajtha qalli mhux itina comb, u kienu b' wahda u mmarkajthom jien u baqa' ghaddej iz-zmien kull darba nistaqsiehom ghac-comb mhux itina minn barra. Imbghad waqghu l-ohra, ordnajthom doppji, qalli ghadhom mhux itina minn barra. Kif ghaddiet xi sena cempilli qalli c-comb wasal. Ghedtlu mela ejja ha nwahhluh, ghedtlu kif ikun hawn biex inwahhluh ghidlu intaqqbu lil kulhadd, qalli alright. U gie ghaddihom minn gol-passagg wahda wahda u taha n-numri ma qabilx. Qalli din mhux taghna c-comba, ghedlu dak mhux in-numru li tajtek, issa jien ghandi c-censiment mahrug mill-biccerija."*

L-istess imputat insista li kien żball tal-veterinarji illi l-baqra bin-numru ta' reġistrazzjoni 826071 ma' nstabitx u dan għaliex in-numri abbinati maċ-ċomb ordnati kienu nħarġu mill-biċċerija u qatt ma' kienu tiegħu:

*"Ghax dak mahrug mill-biccerija, ic-comb dawk, in-numri tac-comb mahrug mill-biccerija u dawn huma in-numri tac-comb li ghandii jien, issa li gabli hu ta' dik ma qabilx. L-izball huwa taghhom. Mhux minn naha tieghi. Issa mbghad qalli oqtolha."* Din il-baqra ma' neħħijiex ghaliex skond hu dik tkun mohqrija tal-annimali.

In sostenn tal-posizzjoni tiegħu l-imputat Jason Calleja esebixxa dokument li jġorr id-data tat-12 ta' Diċembru 2018 u li skond hu huwa ċensiment maħruġ mill-Biċċerija (Dok JC1)[19]. Il-Qorti tara però illi dan id-dokument jirrigwarda xi testijiet tat-tuberkulożi li kienu ttieħdu minn fuq il-baqar tiegħu f'dak iż-żmien. Iżjed importanti minn hekk dan id-dokument juri illi tal-inqas fit-12 ta' Diċembru 2018 l-baqra bin-numru ta' reġistrazzjoni 826071 kienet fir-razzett tiegħu u għalhekk tali dokument mhux talli ma' jgħinx il-posizzjoni tal-imputat iżda bil-maqlub idgħajjifha billi tikkonferma l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

[19] Fol 42-43

L-istess imputat esebixxa ukoll dokument[20] li skond hu juri li nqatlet il-baqra li kien ġie ordnat li jneħħi mill-uffiċjali veterinarji wara li kienu sabuha f'qagħda ta' saħħa prekarja waqt l-ispezzjoni. Din il-baqra kienet reġistrata bin-numru 804813. Għal darb' oħra però dan id-dokument ukoll ma' jsostnix ix-xhieda tiegħu billi mhux biss ma' jindikax lil dik il-baqra fost il-baqar li ġew *"slaughtered"* iżda inoltre juri li l-qatla fil-fatt saret **qabel** id-data tal-ispezzjoni (05/12/2018). Fuq dan il-punt tajjeb jingħad li kien ix-xhud tal-Prosekuzzjoni stess, Dr. Fabrizio Rossi, li kkonferma li din il-baqra ġiet maqtula fil-biċċerija u dan seħħ fis-27 ta' Marzu 2019.

Il-Qorti ma' tistax ma' tirrimarkax ukoll illi għalkemm l-istess imputat xehed illi kienet għaddiet xi sena minn mindu ordna *r-re tags* in kwistjoni sakemm dawn ġew minn barra, mill-provi rriżulta illi filfatt l-ordni ffirmata minnu saret fit-28 ta' Diċembru 2018, ċioe inqas minn tlett xhur qabel ma' dawn ġew ikkonsenjati fir-razzett.[21]

Il-Qorti għalhekk ftit li xejn tista' tqis x-xhieda mimlija impreċiżjonijiet ta' dan l-imputat bħala attendibbli jew kredibbli u ma' tistax ħlief tiskartaha.

22. Mill-provi jirriżulta mingħajr ebda dubbju dettat mir-raġuni illi fid-data, ħin, lok u ċirkostanzi indikati fl-imputazzjonijiet, l-imputati bħala sidien jew persuni oħra awtorizzati taht il-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, m' osservawx kull obbligazzjoni imposta fuqhom taht l-Att 437 li għanda x' taqsam ma mard li jittieħed, u ċioe naqsu milli jidentifikaw u jirreġistraw annimali li kienu taħt ir-responsabbiltà tagħhom u milli jiddikjaraw ċ-ċaqlieq tagħhom.

23. Irid jiġi enfasizzat ukoll illi l-identifikazzjoni tas-seba' annimali kienet biss possibbli ghaliex il-veterinarji ghamlu ezercizzju ta' rikonciljazzjoni bejn ir-records li kellhom fil-pussess tagħhom u l-annimali ezistenti fir-razzett li fir-rigward tagħhom setgħu jikkalkulaw bejn wieħed u ieħor l-eta skond id-dentatura tagħhom. L-obbligu tal-identifikazzjoni però kienet u tibqa' tal-imputati u mhux tal-ufficjali tad-Direttorat. L-imputati naqsu milli jiddikjaraw ic-caqliq tal-annimali u li jidentifikaw skond il-ligi l-annimali taht ir-responsabilta' taghhom.

24. Ftit li xejn jimporta għal Qorti jew jista' jiġi kkunsidrat l-argument illi qajjem l-abbli avukat difensur illi jeħtieġ li nkunu prattiċi, li fil-pajjiż ġar tagħna, ċioe l-Italja, il-

[20] Fol 45
[21] Fol 26

baqar jitħallew fil-kampanja mingħajr ċomb f'widnejhom u li allura l-uffiċjali veterinarji li xehdu f'din il-kawża u li nzertaw ċittadini ta' dan il-pajjiż, m'għandhom ebda awtorità jitkellmu fuq x'jiġri f'pajjiżna. Argument ta' din in-natura ma' jżid assolutament xejn lis-sustanza tad-difiża u postu ċertament m'huwiex bejn l-erba' ħitan ta' xi awla fil-Qorti. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

25. L-istess jgħodd għar-raba' imputazzjoni billi ġie ppruvat li l-imputati ma' kellhomx il-*herd book* fil-pussess tagħhom u wrew ukoll illi naqsu milli jżommu *records* ta' kull kura medika mogħtija u tal-għadd ta' annimali mejtin misjuba f'kull spezzjoni. Il-Qorti hija konvinta li dan il-*herd book* ma jeżistix. L-imputati la pproduċewh waqt l-ispezzjoni tal-15 ta' Marzu 2019, la tlett ijiem wara meta l-veterinarji regghu marru fuq il-post kif xehed il-veterinarju Dr Daniel Cauchi u l-anqas tul il-perkors ta' dawn il-proceduri.

**Argument imressaq mill-imputat Emanuel Calleja li huwa m'huwiex sid ir-razzett, ma' baqax jiġġestixxi n-negozju u għalhekk ma' jistax jinstab responsabbli**

26. Meta xehed l-imputat **<u>Emanuel Calleja</u>** fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2019 u anke fl-istadju ta' trattazzjoni, tqajjem l-argument mid-difiża illi dan m'għandux jitqies responsabbli għal dak li seta' ġara fir-razzett in kwistjoni peress illi ma' baqax jiġġestixxi n-negozju għalkemm il-liċenzja għada tgħajjat lilu. Huwa xehed li ghandu 75 il-sena u li kien ceda n-negozju u x-xoghol tat-trobbija tal-animali lil ibnu Jason Calleja xi 25 sena ilu. Fuq ir-raguni ghaliex ma dawwarx il-licenzja fuq it-tifel spjega kif ġej:

*"jien dak kont dawwartu fuqu, imma imbghad kellu l-mara. Izzewweg kellu l-mara u gie f' separazzjoni u l-mara riedet tohodhom u ma seghetax ghax dan meta kien ghadu guvni ghamilthom fuqu jien, u ergajt dawwarthom fuqi imsomma. S' issa ghadhom fuqi."*

Fl-istadju tat-trattazzjoni l-avukat difensur stqarr hekk:

*"Li qieghed nghid Sur Magistrat, Manwel zamm il- licenzja fuqu ghal raguni wahda biss. Dina t- tifel tieghu Jason li huw responsabbli ta' 1- affarijiet, jiehu hsieb eċċetra eccetra kellu problemi familjari u jaghmel pass illi kieku kellu l-licenzja fuqu tispicca fil- Qorti tal- Familja nistennew xi proceduri minnjaf meta jitlestew. Fil- fatt jaqla' x' jiekol hobza ta' kuljum minn hemm. II- missier zamm biss il-licenzja. U zamm il- licenzja fuqu ghal dan l- iskop biss. Kif jirrizulta minn hawnhekk hemm il- licenzja fuq ismu. Dik ma taghmillekx prezunzzjoni illi bilfors dawk l-affarijiet meta huma akkuzaw ukoll lil Jason illi hu kien qieghed jaghmel dawk l- affarijiet. Ghaliex? Dana l- istess haga bhal ma jekk jien ikolli licenzja ta' karozza u karozza licenzjata fuq ismi u nghaddi bi speed camera*

*u jirrizulta li kien hemm sewqan eċċessiv. L-Artiklu 15 jaghmilha cara illi jien ma nigix responsabbli ghax l- owner tal- karozza. Fil- parking iva imma mhux dawn l- affarijiet. U dan huwa mportanti hafna. Ghaliex il- missier ghandu jiġi liberat ghal kollox, filwaqt Ii t- tifel, b' dawn l-argumenti Ii qed naghmel, japplikaw ghalih ...”*

27. F’dan ir-rigward, skond l-Art, 2(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09 jipprovdi li:

    *“2(c) "sid" jew "kustodju" tfisser kull persuna jew persuni naturali jew legali responsabbli, għal jew li jieħdu ħsieb, l-annimali, kemm fuq bażi kemm permanenti kemm temporanja.”*

    Il-Qorti tqis illi bħala l-licensee u detentur tal-liċenzja tar-razzett in kwistjoni, l-imputat Emanuel Calleja huwa responsabbli għal kull obbligazzjonijiet li bihom huma marbuta *licensees* oħra, irrispettivament minn jekk huwa effettivament jiġġestix in-negozju in kwistjoni. Ir-raġuni mogħtija ‘l għala huwa allegatament ma ttrasferiex il-liċenzja fuq ibnu, l-imputat l-ieħor, apparti li hija rrilevanti għal finijiet ta’ responsabiltà’ f’għajnejn il-liġi, ma’ ġietx sostnuta b’xi provi, imqar minimi, min-naħa tad-difiża.

    Apparti minn hekk ix-xhieda preżenti waqt l-ispezzjoni ikkonfermaw li Emanuel Calleja kien preżenti fir-razzett waqt l-istess spezzjoni u li dan kien qed isegwi dak li kien qed jiġri apparti li ġie ukoll identifikat bħala wiehed mis-sidien tar-razzett.

28. Għalhekk dan l-argument tad-difiża m’huwiex qiegħed jiġi aċċettat bħala validu minn din il-Qorti li tqis li ż-żewġ imputati huma ugwalment responsabbli għal dak kollu li ġara jew ma’ ġarax fir-razzett u għal *benessere* tal-annimali fl-istess razzett.

**Provi dwar il-bqija tal-imputazzjonijiet – dawk li jikkonċernaw l-istat tar-razzett u l-benessere tal-annimali**

29. Tajjeb jingħad li l-imputati ġew akkużati b’ numru kbir ta’ imputazzjonijiet li uħud minnhom huma essenzjalment l-istess akkuża taħt regolamenti u / jew ligijiet differenti. Uħud mill-akkużi huma elementi speċifiċi minn akkuża aktar wiesa u li ġġorr piena aktar qawwija u għalhekk jissussisti konkors formali tar-reati skond il-liġi.

30. L-imputazzjonijiet numru 5 sa 17, ossia dawk li jikkonċernaw l-istat tar-razzett u l-benessere tal-annimali, filfatt jaqgħu taħt u f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija għandhom jiġu assorbiti fit-tieni u tielet imputazzjonijiet in kwantu jirreferu għal:

1. Nuqqas li jieħdu passi raġonevoli sabiex jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-annimali li kienu responsabbli għalihom jintlaħqu hekk kif meħtieġ b' prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali (tieni imputazzjoni - Art 8(4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta). Tajjeb jingħad illi dan is-subartikolu 4 jispjega b'mod speċifiku illi *'għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.'*

2. Aġir konsistenti f'li jġiegħlu annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn (tielet imputazzjoni – Art 8(2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta)

31. **Dr. Vanessa Messina** xehdet illi "...*The farm was a dairy farm so he has the number that they should produce milk and bring to the cooperative or wherever. Basically they told us that they are not producing any milk any more so they keeping animals but we don't know for which reason because we found out as it follows that the animals were on very, very poor condition."*[22]

Fil-qosor fix-xhieda taghha hija qalet li l-annimali fir-razzett ma humiex 'fit for production", li kienu "malnourished"; li kategoriji kienu mixed, jigifieri li ghogol ta' etajiet u staturi differenti ma kienux qed jinzammu separatament b' detriment ghal sahhithom peresss li jistghu jwegghu lil xulxin[23].

Xehdet ukoll li kien hemm baqra partikolari identifikata biċ-ċomba numru 0804813 u li kellha *"very severe mastitis symptoms, she also had an infection of the hoof"* tant li ma seghetx izzomm fuq saqajha. L-imputati gew ordnati joqtlu din il-baqra fuq il-post peress li ma kienetx f' pozizzjoni li tittiehed il-biccerija u ma kienitx fit for human consumption.[24]

Fuq il-kundizzjoni tal-binja tar-razzett hija xehdet hekk:-

---

[2222]Fol. 17C
[23]Fol. 17C
[24]Fol. 17C

*"I carried out a brief inspection of the building present in the farm. The first one is the animal based measure that we take into account, these are the non-animal based measures which means what the animals have available to stay in the farm in terms of shading, pens, feed trough, water, well there was almost nothing about it. Which means there was only a small shed which was not enough to keep under the shade and in good repair all the animals. The water was just a bowl put there, the rest of the field was as you can see also from the pictures was full of 'demel' which means manure yes sorry, so it has never been cleaned, there was no soft bedding available for them to lay down and there was also a wall which was bordering this place where this field where the animals were there. Under this wall there was like a sort of floor underneath but if an animal would have crossed this wall which was crumbled completely broken they would have fall down there and for sure they would end up in problems."*[25]

Ikkonfermat ukoll li waqt l-ispezzjoni hija kellmet lill-imputat Jason Calleja iżda l-imputat l-ieħor Emanuel Calleja kien preżenti ukoll.[26]

Mir-rapport u ritratti kontenuti fid-Dokument VM1 esebit minnha stess[27] ingħad fost affarijiet oħra illi:

*"The animals present had a poor body condition score judged between 1 and 2/5. in almost all the animals of the herd were seen poor symptoms of skin disease, which is more likely of a parsitic condition... One cow in particular having tag no. 0804813, had evidenced sympotms of generalised illness, together with severe lameness.... The calves were also very skinny, BCS 2/5. This BCS is very rare in young animals and is always linked to a specific reason. The most probable cause were or that they could be affected by a parasitic disease or, worse, that the amount of feed was not sufficient to cover their bodt requirements, in one word malnourishment."*

32. L-istat ħażin ta' saħħa li din il-baqra kienet tinstab fiha ġie kkorroborat ukoll mix-xhieda tal-veterinarji **Dr Fabrizio Rossi** u **Dr Daniel Cauchi** li wkoll kienu preżenti għall-ispezzjoni.

33. Ir-rapport in kwistjoni ikompli jgħid hekk:

---

[25]Fol. 17D-17E
[26]Fol. 17E
[27]Fol. 18 - 22

*"Mostly all the animals, except two bulls, were kept in the same pen, which was mostly made of an open field, with a small covered area. Part of the field, covered with old faeces and manure, is confining with another field, owned by the father of the farmer. The wall bordering the space crumbled some year ago, as per Mr Calleja, and was never fixed so that still now represent harm for the animals. The gate wall of this enclosure was made of bricks and rocks put together in a way that even the young heifers were able to move them, as it was seen during the inspection, risking once more to get hurt."*

34. Ir-rapport jikkonkludi kif ġej:

*"ln conclusion, the management of the farm is very poor.*

- *Mr Calleja showed no interest in the wellbeing of the animals. The lack of veterinary care is in breach of the Animal Welfare Act (Chap.439, art 8).*
- *The whole herd has to receive a visit from a veterinary surgeon who will indicate Mr Calleja a proper treatment for the herd.*
- *The veterinary surgeon called on farm has to provide a medical certificate regarding the health status of the herd and the present issues.*
- *The animals must be separated according with their categories in order to avoid fights or harm to young animals.*
- *After seen the body condition score of the animals and said that were not producing milk, I believe there is no reason to keep the farm open under such conditions.*
- *The VRD should take actions to close down the farm or otherwise open a court case for animal cruelty."*

35. **Dr. Fabrizio Rossi** xehed illi fuq il-kundizzjoni tal-annimali huwa jiftakar li waħda mill-baqar ma' setatx timxi u filfatt inghatat ordni biex din tinqatel. Irrizulta li din il-baqra inqatlet fil-biccerija fis-27 ta' Marzu 2019. Fuq il-kundizzjoni tal-annimali qal is-segwenti:

"*...with the regards to the general condition of the animals there was for sure one animal that' was suffering with lamness, the animal was not able to walk properly. In one of the two legs at the back I think it was the right one but I am not sure, and in that case it can happen in farms, but in that case the procedures for the farmer is to call for an emergency slaughtery to cure the animal, to call for a private vet who can cure, take care of the animals, or the other option that was implemented in 2012 within the directorate, the other option is for an emergency slaughtering the animal. So we have a service for which if an animal is suffering for some pain or some healness*

*in the farm, and it is not fit for transport as this was, the farmer can call this service that immediately goes to the farm and kill the animal at the farm and then if it is possible slaughter the animal on farm according to the health of the animal...*

*... There was for sure not separation of the categories of the animals, remember in particular that were bulls mature, difficult to assess the age but I would say around eighteen months, twenty, fighting between them and they were according to what I saw in the farm probably kept together with the other animals which is not a good practice I would say. With regards to the feeding and the watering, the feeding is difficult to say because the animals normally don't have constantly feeds available but they are fed in different times of the day. With regards to the conditions of the other animals I know because I read in the report of my colleague she carried out...*

*... What I saw myself, the animals were not in a very good condition. What I saw is, what I can say is that the body condition score is a visual, how can I describe it, visual assessment of the level of fat and muscles that are on bones, independently on the size of the animals. You really need a specific expertise to give a special scoring of that body condition score, but I would say and there also differenti scoring systems that can go from one to five, or one to eight, and others, I would say in general because I am not an expert in that, that it was below the average. So if we can say that optimum body condition score of eight or five, depending on the level of the system that you use to assess, it was below than four or below two point five according to what the system that you use."*

36. Ix-xhud ikkonferma ukoll ir-rapport konġunt esebit minn Dr. Vanessa Messina bħala Dok VM1[28] li jiġbor fil-qasir in-nuqqasijiet kollha li sabu l-uffiċjali tad-Dipartimenti/Direttorati in kwistjoni fl-ispezzjoni tal-15 ta'' Marzu 2019.

37. Minn dan ir-rapport joħroġ ukoll l-istat ta' telqa u ħmieġ fir-razzett. Jirriżulta ukoll li l-annimali ma' kienux segregati u kienu qed jinzammu fl-istess 'pen' u dan a detriment ta' saħħithom.

38. In sinteżi, dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li mill-provi rriżulta li l-imputati ma kienux qed jeżerċitaw prattiċi tajbin biex tiġi żgurata s-saħħa u l-*benessere* tal-

[28] Fol 18

annimali u dan billi ma kienux qed jitmawhom biżżejjed tant li l-annimali kienu viżibbilment jidhru “malnourished” u bil-parassiti. Ma’ kienx hemm mediċini fir-razzett u l-baqar ma kienux miżmuma separatament skond l-eta’ u l-kundizzjoni taghhom. Aktar u aktar jirriżulta ukoll li l-baqra bin-numru 804813 kienet tant qed tbati minħabba n-negliġenza tal-imputati fuq saħħitha li kellha tinħareġ ordni għad-distruzzjoni tagħha.

39. Mil-provi jirrizulta ukoll li r-razzett ma kienx qiegħed miżmum tajjeb u li kien hemm nuqqasijiet serji fil-prattiċi ta’ kif jinżammu l-annimali.

40. Dwar it-tielet imputazzjoni, a skans ta’ ripetizzjoni u b’referenza għar-raġunijiet diġà mogħtija ġie ppruvat li l-imputati huma ħatja li ġiegħlu lil annimali jsofru tbatija jew dwejjaq bla bżonn. Dak li rriżulta mill-ispezzjoni ma’ kienx każ iżolat ta’ maltrattament ta’ l-annimali imma huwa *course of conduct* fuq medda ta’ żmien li wassal sabiex il-maġġor parti tal-merħla tkun fi stat ħażin ħafna b’ numru kbir ta’ annimali jispiċċaw isofru tbatija u dwejjaq bla bżonn.

41. Tajjeb jingħad ukoll mill-Qorti illi huwa ferm indikattiv illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet (u dwar l-imputazzjonijiet numru 5 sa 17) ma’ ġietx kontradetta in kontroeżami jew b’xi provi mressqa mid-difiża. L-unika argument imressaq minnhom kien dak li tressaq fit-trattazzjoni finali fis-sens illi l-konklużjonijiet li waslu għalihom ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tat-tbatija bla bżonn tal-annimali kienu biss opinjoni *ex-parte*, suġġettivi u għalhekk m’għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni:

*“il- kwistjoni ta' x' inhi cruelity ma tistax tkun suggettiva fil- kawzi kriminali. Illi tghid jittrattahom tajjeb. Kif? Ghidli kif titrattahom hazin mhux ghandek titrattahom tajjeb. U jekk int jidhirli li ma trattajthomx, kif itrattajthom? U hawnhekk hija l-punt importanti illi wiehed jara. Illi anke l- liġi kif inhi dawk l-affarijiet illi qalet ix- xhud Messina ghandha r- relevanza taghha, biss ta' bhala opinjoni. U opinjoni ex- parte, mhux opinjoni t’espert, opinjoni ex parte.”*

42. Il-Qorti bir-rispett kollu ma’ taqbel xejn ma’ dan l-argument. Il-konklużjonijiet li waslu għalihom ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu bbażati fuq sejbien ta’ diversi nuqqasijiet elenkati b’mod speċifiku fid-dokumenti ppreżentati minnhom. Fuq kollox kienu r-riżultat ta’ ħidma konġunta bejn uffiċjali ta’ Direttorati/Dipartimenti differenti li kkoordinaw il-ħidma tagħhom fi sforz sabiex jintlaħaq l-għan tal-liġijiet in kwistjoni, senjatament, il-Kap. 437 u l-Kap. 439 u r-Regolamenti maħruġa taħtu.

Il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita mill-ġenwinita' jew il-kredibilta' ta' dawn ix-xhieda iżjed u iżjed meta n-nuqqasijiet elenkati minnhom ma' ġew bl-ebda mod kontradetti mid-difiża.

43. Għalhekk kemm it-tieni u kemm it-tielet imputazzjoni jirriżultaw ampjament ppruvati mill-Prosekuzzjoni.

**Provi dwar il-bqija tal-imputazzjonijiet**

44. Kif diġà ngħad, l-imputazzjonijiet numru 5 sa 17, ossia dawk li jikkonċernaw l-istat tar-razzett u l-benessere tal-annimali, jaqgħu taħt u għandhom jiġu assorbiti fit-tieni u tielet imputazzjonijiet f'każ ta' ħtija. Dawn kollha kemm huma jikkonċernaw l-allegat vjolazzjoni ta' regolamenti speċifiċi li jaqgħu taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01 (Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għoġġiela) u 439.09 (Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura).

*L-imputazzjonijiet numru ħamsa sa' disgħa*

45. Dawn l-imputazzjonijiet jirreferu kollha għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura (LS 439.09):

1. *Imputazzjoni numru 5* - nuqqas tal-imputati li jipprovdu lill-annimali protezzjoni minn kondizzjonijiet ħżiena tat-temp, predaturi u riskji għal saħħithom (bi ksur tal-punt 12 tal-Skeda tal-LS 439.09).

   Fuq din l-imputazzjoni issir referenza għar-rapport Dok. VM 1 u għax-xhieda ta' Dr Vanessa Messina u għar-ritratti annessi mal-istess rapport (vide fol.19-22).

   Fir-rapport Dok VM 1 ġie rapportat hekk

   "*Mostly, all the animals, except two bulls, were kept in the same pen, which was mostly made of an open field, with a small covered area [kif murija fir-ritratti ]. Part of the field, covered with old faeces and manure, is confining with another field, owned by the father of the farmer. The wall bordering the space crumbled some year ago, as per Mr Calleja, and was never fixed so that still now represent harm for the animals. The gate wall of this enclosure was made of bricks and rocks put together in a way that even the young heifers were able to move them, as it was seen in the inspection, risking once more to get hurt.*"

Dan ir-rapport li ma ġiex kontradett minn provi relevanti oħra flimkien ma' dak li kkonfermaw ix-xhieda l-oħra jagħtu stampa ċara tal-istat pjetuż li dan ir-razzett kien jinsab fih fil-ġurnata tal-ispezzjoni. Din l-imputazzjoni għalhekk ġiet ukoll ipprovata.

2. *Imputazzjoni numru 6* - nuqqas tal-imputati li jipprovdu dieta sustanzjuża li tkun xierqa għall-eta' u l-ispeċi tal-annimali u li tingħatalhom fi kwantità biżżejjed biex jinżammu f' saħħithom u nuqqas li jissodisfaw il-bżonnijiet nutrittivi tagħhom (bi ksur tal-punt 14 tal-Skeda tal-LS 439.09).

   Fix-xhieda ta' Dr Vanessa Messina tal-12 ta' Ġunju 2019 hija tgħid

   *"We found that the animals were on a very, very poor condition, body conditions which we give them a score between one and five because one was very, very skinny. Five is optimal, in this case we have no more than two out of five as a body condition which is not sufficient to produce milk or even meat, so these animals are not fit for production, they shouldn't be there, plus apart from this malnourishment we saw that all categories were mixed."*

   Il-fatt li l-merħla kollha kienet fi stat ta' *malnourishment* juri l-istat ta' negliġenza li din tħalliet mill-persuni responsabbli għalihom. Ma hemmx dubju f'għajnejn din il-Qorti li kien hemm defiċenzji sostanzjali fid-dieta taghhom li sabiex il-merħla kollha tkun fi stat ħażin ta' saħħa. Din l-imputazzjoni għalhekk tirriżulta fondata.

3. *Imputazzjoni numru 7* - nuqqas li jkun hemm dawl adegwat disponibbli (fiss jew li jinġarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew f' kull ħin (bi ksur tal-punt 3 tal-Skeda tal-LS 439..09).

   Il-Prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda prova fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u għaldaqstant din ma' tistax tirriżulta.

4. *Imputazzjoni numru 8* - nuqqas li l-annimali jkollhom aċċess għall-ikel f' intervalli xierqa għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom (bi ksur tal-punt 15 tal-Skeda tal-LS 439.09).

   Din l-imputazzjoni hija simili għas-sitt waħda bid-differenza li fejn is-sitt imputazzjoni tirrigwarda l-kwantità u l-kwalità tal-għalf mogħtija lil annimali din l-imputazzjoni hija ċentrata fuq l-intervall tal-ikel mogħti. Fil-waqt li qed jiġi ribadit li jirriżulta lill-Qorti li l-annimali kienu *malnourished* u għalhekk is-sitt imputazzjoni ġiet ipprovata, ma nġiebux provi speċifiċi dwar

l-aċċess li l-bhejjem kellhom għall-ikel u l-intervalli li fihom l-annimali kellhom dan l-aċċess. Wieħed jista' jassumi iżda mhux jikkonkludi mingħajr dubbju dettat mir-raġuni li darba l-bhejjem ma' kienux qegħdin jiġu mitmugħa fi kwantità biżżejjed biex jinżammu f' saħħithom, allura l-aċċess li kellhom għall-ikel ma' kienx f'intervalli xierqa għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom. Għaldaqstant din l-imputazzjoni ma' tirriżultax.

5. *Imputazzjoni numru 9* - nuqqas li l-annimali jkollhom aċċess għall-provvista xierqa ta' ilma jew li tkun kapaċi tissodisfa l-bżonnijiet ta' xorb taghhom permess ta' mezzi oħra (bi ksur tal-punt 16 tal-Skeda tal-LS 439.09).

   Dwar il-provvista tal-ilma, fix-xhieda tagħha Dr Vanessa Messina spjegat li "*The water was just a bowl put there*." Huwa ċar f' għajnejn il-Qorti li din mhijiex provvista xierqa għal merħla konsistenti f' sitta u għoxrin annimal. Din l-imputazzjoni għalhekk ġiet ipprovata.

*L-imputazzjonijiet numru għaxra sa' sbatax*

46. Dawn l-imputazzjonijiet jirreferu kollha għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għoġġiela (LS 439.01):

1. *Imputazzjoni numru 10* - l-materjal użat għall-bini ta' akkomodazzjoni tal-għoġġiela u partikolarment ta' kaxxi u tagħmir li miegħu l-għoġġiela jista' jkollhom kuntatt kienu ta' ħsara għall-għoġġiela u mhux tali li jistgħu jitnaddfu sew u jkunu disinfettati (bi ksur tal-punt 1 tal-Skeda tal-LS 439.01).

   F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fir-rapport esebit minn Dr. Vanessa Messina:

   *"Mostly all the animals, except two bulls, were kept in the same pen, which was mostly made of an open field, with a small covered area. Part of the field, covered with old faeces and manure, is confining with another field, owned by the father of the farmer. The wall bordering the space crumbled some year ago, as per Mr Calleja, and was never fixed so that still now represent harm for the animals. The gate wall of this enclosure was made of bricks and rocks put together in a way that even the young heifers were able to move them, as it was seen during the inspection, risking once more to get hurt."*

   Issir riferenza ukoll għal dak li xehdet l-istess xhud quddiem il-Qorti:

*"The water was just a bowl put there, the rest of the field was as you can see also from the pictures was full of 'demel' which means manure yes sorry, so it has never been cleaned, there was no soft bedding available for them to lay down and there was also a wall which was bordering this place where this field where the animals were there. Under this wall there was like a sort of floor underneath but if an animal would have crossed this wall which was crumbled completely broken they would have fall down there and for sure they would end up in problems."*

Din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfacjentement ippruvata.

2. *Imputazzjoni numru 11* - l-insulazzjoni, is-sħana u l-ventilazzjoni tal-bini ma kienitx tiżgura li ċirkolazzjoni ta' l-arja, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva ta' l-arja u l-konċentrazzjoni tal-gass jinżammu fil-livelli li ma jagħmlux ħsara lill-għoġġiela (bi ksur tal-punt 3 tal-Skeda tal-LS 439.01).

   Il-Qorti tara li l-istat tal-biki li kienu qegħdin fih l-annimali, li l-maġġoranza tagħhom kienu jorqdu f' "*open field*" kien tali illi ċertament jiżgura ċ-ċirkolazzjoni tal-arja – għalkemm forsi mhux iċ-ċirkolazzjoni li kellu f'moħħu l-leġislatur! Ma' nġabet l-ebda prova speċifika dwar il-fatturi l-oħra imsemmija u ċioe l-insulazzjoni, is-sħana, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità, etc. Din l-imputazzjoni teħtieġ provi speċifiċi u inkonfutabbli sabiex tiġi ppruvata u fin-nuqqas ta' tali provi għalhekk ma' tirriżultax.

3. *Imputazzjoni numru 12* - l-għoġġiela ma ġewx spezzjonati mis-sid ta' l-anqas darbtejn kuljum u kull għoġol marid jew imweġġa ma ġiex ikkurat (bi ksur tal-punt 6 tal-Skeda tal-LS 439.01).

   Għalkemm ma' nġabet l-ebda prova li l-għoġġiela ma' kienux qed jiġu spezzjonati mis-sid tal-inqas darbtejn kuljum, madanakollu din l-imputazzjoni tagħmel riferenza ukoll għan-nuqqas tas-sid li jikkura għoġol marid. F'dan ir-rigward isir riferenza għal dak li inghad aktar 'l fuq u b' mod partikolari għall-fatt li l-baqra bit-tag numru *0804813*K kienet fi stat ta' saħħa tant ħażin – minħabba n-negliġenza tal-imputati – li kellha tinqatel. Din l-imputazzjoni għalhekk, fejn tirreferi għan-nuqqas li s-sid jikkura għoġol marid – ġiet ippruvata.

4. *Imputazzjoni numru 13* - il-fond, il-maqjel u t-tgħamir ma tnaddfux tajjeb u ma' ġewx dizinfettati (bi ksur tal-punt 9 tal-Skeda tal-LS 439.01).

F'dan ir-rigward Dr. Vanessa Messina xehdet, u r-rapport tagħha jikkonferma, li l-maqjel u t-tgħamir ma kienux qed jiġu mnaddfa tajjeb u li kien hemm id-demel akkumulat u antik. Ċertament ma kienx qed jintuża diżinfettant! Din l-imputazzjoni ġiet ipprovata.

5. *Imputazzjoni numru 14* - l-art ma kienitx lixxa u ma tiżloqx sabiex jiġi evitat li l-għoġġiela jweġġaw (bi ksur tal-punt 10 tal-Skeda tal-LS 439.01).

   Mill-provi prodotti ma' jirriżultax li din l-imputazzjoni speċifika ġiet ipprovata.

6. *Imputazzjoni numru 15* – l-għoġġiela ma kienux pprovduti dieta xierqa u addatta għall eta', toqol, imġieba u bżonnijiet fiżjoloġiċi taghhom (bi ksur tal-punt 11 tal-Skeda).

   Din l-imputazzjoni sostanzjalment tirreferi għall-istess fatti illi fuqhom huma bbażati t-tieni u s-sitt imputazzjoni. Għalhekk din l-imputazzjoni tirriżulta ampjament ippruvata.

7. *Imputazzjoni numru 16* – l-għoġġiela ma ġewx mitmugħa darbtejn kuljum (bi ksur tal-punt 12 tal-Skeda tal-LS 439.01).

   Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti li saru fir-rigward tal-imputazzjoni numru 8 jgħoddu ugwalment għal din l-imputazzjoni li daqstant ieħor ma' ġietx ippruvata.

8. *Imputazzjoni numru 17* – l-għoġġiela akbar minn ġimgħatejn ma kellhomx aċċess għal kwantità biżżejjed t' ilma frisk (bi ksur tal-punt 13 tal-Skeda tal-LS 439.01).

   Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti li saru fir-rigward tal-imputazzjoni numru 9 jgħoddu ugwalment għal din l-imputazzjoni li għalhekk jirriżulta li ġiet ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

47. Il-pieni applikabbli għall-imputazzjonijiet li rriżultaw ippruvati huma s-segwenti:

1. **Imputazzjoni nru 1 -** Piena għall-ksur tal-Artikolu 35(1)( c)(iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward l-Art. 57(1) tal-Kap. 437 jipprovdi hekk:

   *'57. (1) Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena speċifika ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.87)'*

   B'żieda ma' din il-piena imbagħad l-Artikolu 57(2) jipprovdi hekk:

   '57 (2) Meta xi ħadd jinsab ħati ta' xi reat kontra dan l-Att, il-Qorti tista' b'żieda ma' xi piena oħra li tista' timponi, tordna li dawk l-istrumenti, tagħmir, prodotti jew sustanzi użati fit-twettiq tar-reat għandhom jiġi konfiskati favur il-Gvern u, jekk jiġu hekk konfiskati, dawn għandu jsir minnhom b'dak il-mod hekk kif il-Qorti tista' tiddetermina fuq il-parir tad-Direttur.'

2. **Imputazzjonijiet nru 2 u 3 -** Piena għall-ksur tal-Artikoli 8(4) u (2) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward l-Art. 45(1) tal-Kap. 439 hekk kif kien japplika b'mod iżjed favorevoli għall-imputati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXII tal-2019 (li beda japplika xahrejn wara l-ftuħ ta' din il-kawża mill-Prosekuzzjoni) jipprovdi hekk:

   *'45. (1) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu teħel, meta tinsab ħatja:*

   *(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien ...'*

   Il-fedina penali tal-imputat Jason Calleja[29] hija waħda netta. Dik tal-imputat Emanuel Calleja[30] tinkludi diversi sejbien ta' ħtija fuq akkużi relatati man-nuqqas ta' żamma tar-razzett (akkumulu ta' demel) iżda dawn kienu kollha taħt il-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta u dan l-imputat qatt ma' ġie misjub ħati ta' xi reat taħt il-Kap. 439 f'sentenza li għaddiet in ġudikat.

[29] Fol 6
[30] Fol 7

B'żieda mal-piena stabbilita l-Art. 45(3) jipprovdi hekk:
*'45(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1),kull persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-Att tista', flimkien mal-pieni preskritti taħt l-aħħar subartikolu, tkun ordnata mill-Qorti li tħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta'kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt dan l-Att u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq'.*

3. **Imputazzjonijiet Nru 4, 5, 6 u 9 -** Piena għall-ksur tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura (LS 439.09). L-artikolu 8(1) ta' dawn ir-Regolamenti jipprovdi hekk:

   *'8. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, min jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 4,658.75) u mhux aktar minn tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 13,976.24).'*

   B'żieda mal-piena, s-subartikolu 2 jipprovdi kif ġej:

   *'8. (2) ... il-Qorti tista' tordna lil persuna misjuba ħatja li għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti, il-ħlas ta' l-ispejjeż magħmula mis-Servizzi Veterinarji bħala riżultat ta' dak ir-reat, kif ukoll ir-revoka tal-permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti u l-konfiska, żamma u tneħħija tal-corpus delicti.'*

4. **Imputazzjonijiet Nru 10, 12, 13, 15 u 17 -** Piena għall-ksur tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għoġġiela (LS 439.01). L-artikolu 9(1) ta' dawn ir-Regolamenti jipprovdi hekk:

   *'9(1). ... min jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 4,658.75) u mhux aktar minn tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 13,976.24).'*

48. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis li multa ta' ħames mitt euro (€ 500) kull wieħed tkun waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

49. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 4, 5, 6 u 9, peress li l-vjolazzjoni tagħhom tikkostitwixxi ukoll ir-reat ravvizat fl-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkors formali tar-reati għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi u ċioe dak prospettat taħt l-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta (Art. 45(1) tal-Kap. 439 kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXII tal-2019).

50. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 10, 12, 13, 15 u 17, peress li l-vjolazzjoni tagħhom tikkostitwixxi ukoll ir-reat ravvizat fl-imputazzjoni numru tnejn u tlieta, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkors formali tar-reati għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi u ċioe dak prospettat taħt l-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta (Art. 45(1) tal-Kap. 439 kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXII tal-2019).

51. Il-Qorti tqis li fir-rigward tal-ħtija għall-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont l-eta tal-imputat Emanuel Calleja u kif ukoll il-fedina penali netta tal-imputat Jason Calleja, hija tista' minflok tinfliġġi piena konsistenti f'multi sostanzjali tapplika minflok *conditional discharge* ai termini tal-Art. 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

52. Tenut kont l-istat diżastruż li jinsab fih ir-razzett in kwistjoni u fid-dawl tal-provi inkonfutabbli li l-imputati naqsu serjament f'dak li għandu x'jaqsam ir-responsabilita' tagħhom lejn l-annimali li huma suppost jindukraw u jieħdu ħsieb, il-Qorti tqis li għandha tordna r-revoka tal-liċenzja ossia permess maħruġ lill-imputati in konnessjoni mat-trobbija ta' ruminanti fir-razzett reġistrat bin-numru D043 ai termini tal-Art. 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09.

53. Din ir-revoka il-Qorti tista' tapplikaha nonostante li ser tagħżel li, għajr għall-imputazzjoni numru wieħed, minflok tinfliġġi piena konsistenti f'multi sostanzjali, toħroġ *conditional discharge*. Dan qed jingħad għaliex nonostante l-*conditional discharge* l-imputati xorta waħda **<u>qed jinstabu ħatja</u>** tal-ksur *inter alia* tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura (LS 439.09). It-tama tal-Qorti hija li mingħajr ma' titfa lill-imputati taħt piż finanzjarju żejjed li altrimenti tista' tagħmel bl-imposizzjoni ta' multi qawwija, l-imputati jagħrfu fejn żbaljaw, jagħrfu x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex ir-razzett jiġi rranġat b'mod xieraq li jkun jista' mill-ġdid jilqa' l-annimali u jagħrfu x'inhuma l-prattiċi tajbin li għandhom jaddottaw sabiex l-annimali li jkunu fir-razzett jiġu

mħarsa u ndukrati b'rispett sħiħ lejn il-liġijiet in vigore. Huwa biss wara dan il-proċess li l-imputati għandhom jittantaw jerġgħu japplikaw għal awtorizzazzjoni/liċenzja relattiva sabiex jerġgħu jibdew jiġġestixxu n-negozju tagħhom mill-ġdid.

**Deċiżjoni**

54. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **Tillibera lill-imputati mis-seba' (7), tmien (8), ħdax (11), erbatax (14) u sittax (16) fuq nuqqas ta' provi,**

2. **Issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1) (Artikolu 35(1)( c)(iii) tal-Kap 437 tal-Liġijiet ta' Malta) u tikkundannahom iħallsu multa ta' ħames mitt euro kull wieħed ai termini tal-Art. 45(1) tal-Kap. 439 hekk kif kien japplika b'mod iżjed favorevoli għall-imputati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXII tal-2019 (li beda japplika xahrejn wara l-ftuħ ta' din il-kawża mill-Prosekuzzjoni),**

3. **Issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2) (Artikolu 8(4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta), numru tlieta (3) (Artikolu 8(2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta), numru erbgħa (4) (punti 5 u 6 tal-iSkeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta), numru ħamsa (5) (punt 12 tal-iSkeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta), numru sitta (6) (punt 14 tal-iSkeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta), numru disgħa (9) (punt 16 tal-iSkeda tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta), numru għaxra (10) (punt 1 tal-iSkeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta), numru tnax (12)) (punt 6 tal-iSkeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta), numru tlettax (13) (punt 9 tal-iSkeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta, numru ħmistax (15) (punt 11 tal-iSkeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta u numru sbatax (17) (punt 13 tal-iSkeda tal-LS 439.01 tal-Ligijiet ta' Malta) iżda bl-applikazzjoni tal-Art. 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta minflok tinfliġġi piena qegħda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jagħmlu l-ebda reat matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum. Il-Qorti qabel ma' tat din l-ordni fissret bi kliem li jiftiehem sew lill-ħatja l-konsegwenzi jekk jwettqu xi reat ieħor matul il-perjodu in kwistjoni,**

4. **Tordna r-revoka tal-liċenzja ossia permess maħruġ lill-imputati in konnessjoni mat-trobbija ta' ruminanti fir-razzett reġistrat bin-numru D043 ai termini tal-Art. 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09.**

**Finalment il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħlas ta' ħatra ta' esperti, stante illi ma ġewx nominati esperti f'dawn il-proċeduri.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |